**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 30 ta' Mejju 2017**

**Rikors Numru 5/16**

**Louis Farrugia u martu Miriam Farrugia bhala mandatarji tal-assenti binhom Corey Farrugia**

**Vs**

**Chairperson Students Maintenance Grants Bord fil-Ministeru tal-Edukazzjoni**

**Directorate for Lifelong Learning u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2016 gie jaqra Id-Direttur Generali ghad-Direttorat tal-Lifelong Learning**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Louis Farrugia et nomine**ipprezentat fis-26 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

***"A. Dikjarazzjoni ċara u korretta tas-suġġet u r-raġuni għat-talba***

*Illi din hija talba sabiex jigi dikjarat li:*

*(a) r-rikorrenti noe kien eligibbli ghal Iskema tal-Malta government Undergraduate Scheme tas-sena 2012;*

*(b) u ghalhekk d-decizjoni ta li Students Maintenance Grants Board li jirrifondi s-somma ta' €4176.31 ghandha tigi revokata;*

*(c) tordna lill-istess Students Maintenance Grants Board biex jghaddi l-arretrati dovuti lir-rikorrenti noe u jibqa jhallas r-rikorrenti noe skond l-istess skema.*

*Illi iben ir-rikorrenti Corey Farrugia applika ghal ghajnuna finanzjarja taht l-Iskema tal-Malta Government Scholarship Scheme fis-sena 2012 sabiex inghata ghajnuna ghal kors ta' Doctor of Veterinary Medicine fi Svent Istvan University l-Ungerija. (ref 151/2015. L-applikazzjoni tieghu giet accettata u li fis-6 ta' Lulju 2015 huwa gie mgharraf minn li Students Maintenance Grants li ma kienx eligibbli u kellu jirrifondi s-somma hawn fuq imsemmija. Huwa ghamel appell quddiem bord tal-appell li qalulu l-intimati liema bord ma jezistix u permezz ta' ittra tad-9 ta' Dicembru 2015 liema ittra huwa irceva fit-13 ta' Jannar 2016 gie infurmat li t-talba ma gietx milqugha.*

*Illi l-Malta Government Scholarship Sceheme tas-sena 2012 (Dok A anness) fir-regolament* ***numru 2 (f) (ii)*** *jghid li l-aplikant ma jridx " not in possession of a degree at the same MQF level or higher of that degree for which applicant is applying for." u regolament numru 13 General Conditions of Award jghid fir-***regolament 13 (g)*** *jghid li – Applicants progressing from a diploma to a degree level at MQF Level 6 or from a general degree to an honours level or from a degree to a doctorate in Laws or in Medicine and surgery shall not be deemed to be following a second course for the purposes of this regulation.*

*Illi ghalhekk r-rikorrenti noe jikkontendi li huwa ma kiser ebda regolament u huwa qed jaghmel dan l-appell.*

***Esposizzjoni ċara u ddettaljata tal-fatti tal-kaz, kif ikun jafhom ir-rikorrenti***

*Illi meta huwa ghamel l-verifiki kien fl-ahhar sena tal-B.Sc(Hons) fil-chemistry u biology mill-Universita ta' Malta.*

*Illi jinghad ukoll li binhom dejjem ta l-informazzjoni kollha lil Bord tant li ghal bidu l-applikazzjoni tieghu giet michuda stante li gie infurmat li huwa kien jiehu l-istipendju meta kien qed jaghmel l-B.Sc course f'Malta. Izda wara li huwa oggezzjoni ghal dan fl-4 ta' Jannar 2013 permezz ta' email li kien baghat lil certu Pauline Catania ta li Students Maintenance Grants Board li fiha infurmaaha li r-regolamenti l-godda ma jghidux dan u stante li wkoll li l-kors li beda fl-Ungerija huwa ta' livell ghola minn B.Sc.*

*Ill taht ir-regolamenti tas sena 2012 l-applikant ma setghax ikollu degree tal-istess livel li kien qed japplika ghal dan il-grant. Difatti huwa ghandu B.Sc (Hons) li hija ekwivalenti ghal MQF level 6 u l-kors li applika ghalih huwa MQF level 7. (regolament 2(f) tal-istess regolamenti hawn annessi u markati* ***Dok A****.*

*Illi l-applikazzjoni tieghu giet accettata fit-18 ta' Jannar 2013 minn li Students Maintenance Grants Board permezz ta' email mibghuta minn l-istess Pauline Catania tal-istess bord..*

*Illi l-applikazzjoni tieghu jinghad li pagna 3 tal-istess u li taghha inghata kopja ma hijiex l-istess kopja li r-rikorenti noe applika biha.*

*Illi gara li fis-6 ta' Lulju 2015 huwa gie mgharraf minn li Students Maintenance Grants Board li ma kienx eliggibli ghal dan il-grant ghax kien diga ghandu degree*

*Level 6 u ghalhekk kellu jirrifondi s-somma ta' €4176.31 lura u infurmawh li jista jappella lil li Scholarships Appeal Board kif ghamel.*

*Illi fl-appell tieghu tat-12 ta' Awissu 2015 lil Scholarships Appeal Board huwa talab biex d-decizjoni tigi revokata stante li r-regolament 2.f(ii) jghid li min japplika ma jridx ikollu degree tal-istess livel. Huwa ghandu B.Sc (Hons) degree li hija MQF level 6 u l-kors li qed jaghmel ta' doctor in Veterinary Medicine Court huwa MQF level 7.*

*Illi huwa anke kiteb lil Ms Edel Cassar, CEO National Commission for Further and Higher Education liema kummissjoni hija dik ufficjali li ticcertifika l-livel tal-kwalifici li wiehed ikollu u din l-Kummissjoni ccertifikat li Bachelor of Science (Honours) Biology and Chemistry hija MQF/EQF level 6 u li l-kors li r-rikorrenti noe qed jattendi dak ta' Veterinary Medicine at the Szent Istvan University – Faculty of Veterinary Science fl-Ungerija huwa MGF/EQF level 8.*

*Izda wara l-appell gie moghti parir li ma jezisti ebda bord tal-appell u huwa gie infurmat permezz ta' ittra tad-9 ta' dicembru 2015 u li r-rikorrenti ircevewha fit-13 ta' Jannar 2016 (kif jidher mit-timbru tal-posta datat 11 ta' Jannar 2015) li t-talba tieghu ghar-revoka tad-decizjoni ta li Students Maintenance Grants Board ma gietx accettata minn l-istess Students Maintenance Grants Board ( u l-Bord tal-appell ma ssemma mkien).*

*Illi b'din id-decizjoni gie infurmat bil-posta ordinarja fit-13 ta' Jannar 2015 u t-timbru tal-posta li juri d-data tal-11 ta' Jannar 2015 juri dan. (**envelope anness dok B**).*

**....**

***Ir-rimedju li jkun qiegħed jintalab, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni pubblika***

*Illi dan l-appell qiegħed isir sabiex l-Onorabbli Tribunal Illi din hija talba sabiex jigi dikjarat li:*

*(a) r-rikorrenti noe kien eligibbli ghal Iskema tal-Malta government Undergraduate Scheme tas-sena 2012;*

*(b) u ghalhekk d-decizjoni ta li Students Maintenance Grants Board li jirrifondi s-somma ta' €4176.31 ghandha tigi revokata;*

*©tordna lill-istess Students Maintenance Grants Board biex jghaddi l-arretrati dovuti lir-rikorrenti noe u jibqa jhallas r-rikorrenti noe skond l-istess skema.*

***It-talba jew talbiet***

*Għaldaqstant s-soċjeta rikorrenti, fiwaqt li jaghmlu referenza għall-atti kollha*

*pprezentati mill-partijiet u għall-provi mressqa mill-partijiet , tirriserva li tressaq kull prova oħra permessa bil-liġi u titlob bir-rispett għar-raġunijiet premessi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu jilqa l-appell tar-rikorrenti noe u jiddikjara*

*(a) r-rikorrenti noe kien eligibbli ghal Iskema tal-Malta government Undergraduate Scheme tas-sena 2012;*

*(b) u ghalhekk d-decizjoni ta li Students Maintenance Grants Board li jirrifondi s-somma ta' €4176.31 ghandha tigi revokata;*

*(c) jordna lill-istess Students Maintenance Grants Board biex jghaddi l-arretrati dovuti lir-rikorrenti noe u jibqa jhallas r-rikorrenti noe skond l-istess skema."*

Ra r-risposta **tal-intimati** ipprezentata fit-18 ta' Frar 2016 li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:-

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, la l-Bord ta' Tmexxija dwar l-Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti u lanqas il-membri li jiffurmaw parti minnu ma huma l-leġittimi kontradditturi f'din il-kawża. Il-Bord huwa awtorità b'setgħat kważi-ġudizzjarji u m'għandux leġittimazzjoni passiva u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, filwaqt li l-membri tal-Bord m'għandhomx jitħarrku biex iwieġbu għal għemil ġudizzjarju tagħhom u din l-immunità mhix xi privileġġ tagħhom iżda hija meħtieġa għall-ħarsien tal-indipendenza tagħhom (ara Gatt Tarmac Limited vs. Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex) et deċiż nhar is-7 ta' Awwissu 2013 mill-Qorti tal-Appell; u Waste Collection Limited vs. Il-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi et deċiż nhar id-29 ta' Novembru 2013, Qorti tal-Appell);*

*2. Illi preliminarjament ukoll, u għal kull buon fini, skont l-artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u għalhekk il-kawża kellha tinfetaħ kontra d-Direttur Ġenerali li għandu bħala parti mill-mansjonijiet tiegħu l-ġestjoni tad-Direttorat għal Tagħlim tul il-Ħajja;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jirrigwarda l-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponenti qegħdin jirrespinġu t-talbiet tar-rikorrenti kif ser jiġi muri f'din ir-risposta u fil-mori tal-kawża;*

*4. Illi jekk wieħed sempliċement janalizza t-titolu tal-Iskema fir-Regolamenti annessi mar-rikors tar-rikorrenti kif ukoll fl-applikazzjoni ntavolata mir-rikorrenti, u cjoe – "Malta Government Scholarship Scheme – Undergraduate courses", wieħed mill-ewwel jinnota l-kelma 'Undergraduate' li skont id-dizzjunarju ta' Oxford, tfisser: "A university student who has not yet taken a first degree";*[1]

*5. Skont il-website tal-Università ta' Cambridge, id-definizzjoni ta' 'undergraduate' u 'postgraduate' ġiet mogħtija f'dan is-sens:*

[1] http://www.oxforddictionaries.com/definition/english/undergraduate

*"An undergraduate student is a student who is studying for his/her first degree (usually entitled Bachelor of Arts [BA] or Bachelor of Science [BSc]). There are three levels of undergraduate study equating to first-year, second-year and third-year study. Once the student has a first degree, he/she is called a graduate and may choose to take a higher qualification (e.g. a Postgraduate Certificate, Postgraduate Diploma, Master's Degree, PhD etc.). He/she will then be called a postgraduate student."*[2]

*6. Illi l-Università ta' Malta tħaddan l-istess definizzjonijiet imsemmija hawn fuq u għalhekk, jidher biċ-ċar li undergraduate huwa student universitarju li għad m'għandux degree;*

*7. Illi l-Iskema mertu ta' dan il-każ kienet skema ta' stipendji ndirizzata lejn dawk l-istudenti li ma kellhomx degree;*

*8. Illi tajjeb li jingħad li l-Bord ta' Tmexxija dwar l-Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti huwa stabbilit u rregolat mir-Regolamenti dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 327.178);*

*9. Illi l-Parti III din il-Leġislazzjoni Sussidjarja 327.178 tipprovdi dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-eliġibilità għal għotja ta' manteniment u r-regolament numru 12 jipprovdi s-segwenti:*

*"Studenti li jkunu qed isegwu t-tieni kors jew kors sussegwenti wara li jkunu lestew jew parzjalment segwew xi kors ieħor tal-istess livell ma jkunux intitolati li jirċievu għotja ta' manteniment għal dak il-perjodu ta' żmien li jkun ekwivalenti għaż-żmien kollu tal-kors ta' qabel, jekk għall-kors ta' qabel kienu qed jirċievu għotja ta' manteniment..."*

*10. Illi rriżulta li r-rikorrent kien ottjena dan l-ewwel degree u fid-durata tal-kors ġewwa l-Università ta' Malta kien irċieva l-għotjiet ta' manteniment lill-istudenti, u kwindi, ġustament, in vista ta' din il-leġislazzjoni ma setax ikun eliġibbli għall-Iskema mertu ta' dan il-każ peress li <u>din l-Iskema kienet tapplika biss għal dawk l-istudenti li ma kinux għadhom ġabu l-ewwel degree tagħhom u konsegwentement, ma kienu qatt irċevew stipendju</u>;*

*11. Illi kien għalhekk li korrettement il-Bord waqqaf il-ħruġ tal-istipendju lir-rikorrenti u talbu r-rifużjoni tal-ammonti li kienu diġà ġew riċevuti mir-rikorrent;*

*12. Illi minn dan kollu jidher li l-Bord għamel apprezzament xieraq tal-provi u wasal għad-deċiżjoni ġusta;*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u tikkonferma d-deċiżjoni tal-esponenti."*

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

[2] https://www.ice.cam.ac.uk/faqs/3-credit-faqs/140-what-do-undergraduate-and-postgraduate-mean

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-*Students Maintenance Grants Board* (iktar 'il quddiem "Il-Bord) datata 9 ta' Dicembru 2015[3] fejn gie mgharraf illi gie konfermat illi huwa ma kienx eligibbli biex jibbenefika mill-*Malta Government Scholarship Scheme Undergraduate Courses* (iktar 'il quddiem imsejjha "l-Iskema") stante li kien diga` ggradwa mill-Universita ta' Malta u rcieva stipendju fil-kors tal-istess studji. Ghaldaqstant intalab sabiex jirrifondi dak kollu li rcieva taht l-Iskema.

**Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom huma s-segwenti:-**

Illi fl-2012 ir-rikorrent issottometta applikazzjoni sabiex jibbenefika mill-Iskema. Illi fil-mument li ssottometta l-applikazzjoni tieghu huwa kien fl-ahhar sena tal-kors tal-BSc (Hons) fl-Universita` ta' Malta u kien qieghed jistenna jaghmel *re-sit* sabiex ikun jista' jiggradwa, filwaqt li kien ukoll qieghed jaghmel il-kors li jwassal sabiex jigi ggradwat bhala veterinarju gewwa l-Universita ta' Szent Istvan gewwa l-Ungerija. Jirrizulta illi huwa gie infurmat li seta' jibbenefika minn din l-Iskema wara li baghat e-mail fl-4 ta' Jannar 2013[4] lil Pauline Catania, dak iz-zmien ufficjal fi hdan id-Direttorat ghat-Taghlim Tul il-Hajja (iktar 'l isfel "Id-Direttorat") li permezz ta' e-mail ohra datata 18 ta' Jannar 2013 infurmatu li kien inghata l-*ischolarship*.[5] Sussegwentement huwa gie infurmat li peress li kien diga ggradwat f'kors li jgorr mieghu kwalifika ta' livell 6 ma kienx jikkwalifika ghal tali Skema.

Illi skond ma xehdet **Pauline Catania**, *Scholarship Administrator* fl-*Scholarship Unit*, l-Iskema giet imnedija sabiex studenti mhux gradwati li jattendu istituzzjonijiet lokali privati u barranin ikunu jistghu jibbenefikaw indaqs bhall-istudenti li qeghdin fl-Universita` ta' Malta. L-istess xhud tispjega illi kieku l-Bord kien jaf li r-rikorrent kien diga gradwat huma kienu jiskwalifikawh mill-ewwel mill-kunsiderazzjonijiet taghhom mill-Iskema in kwistjoni. Tghid li allavjolja l-kors ta' veterinarju li kien qed jaghmel ir-rikorrent kien ta' livell 7, il-Ministeru ha decizjoni li xorta jithallsu ladarba dan il-kors kien meqjus bhala *undergraduate* ghall-ewwel erba' snin tal-kors. Tispjega li ladarba r-rikorrent kien ikkompleta kors ekwivalenti ghal livell 6 huwa kien ineligibbli ghal din l-Iskema. Tispjega illi kif konfermat bl-email tat-18 ta' Jannar 2013 hija kienet infurmat lir-rikorrent li huwa kien jikkwalifika

[3] A fol. 166
[4] A fol. 97
[5] A fol. 99

ghal din l-Iskema pero` ma kinitx involuta ulterjorment sakemm ma sarx appell mir-rikorrent lill-Bord ta' l-Appelli tal-Scholarships fejn tellghet l-appell tieghu quddiem l-istess Bord.

**Dr. Romina Cuschieri**, *Chairperson* tal-*Students Maintenance Grants Board*, spjegat illi din il-kwistjoni qamet wara li r-rikorrent talab laqgha biex jizdidulhom il-fond peress li l-kors ta' veterinarju kellu hafna spejjez. Tispjega illi meta hija giet a konoxxenza illi r-rikorrent kien diga gradwat u kien qieghed jibbenefika wkoll mill-Iskema hija kellha tiehu azzjoni biex ma jibqghax jikkwalifika taht l-Iskema tal-*undergraduates* u dan ghaliex huwa diga kellu l-ewwel *degree* u kien ha erba' snin stipendju. Tghid li biex ir-rikorrent seta' jikkwalifika ghal din l-Iskema huwa ried japplika mill-ewwel ghall-kors ta' veterinarju u mhux l-ewwel jikkompleta il-kors ta' B.Sc (Hons) hawn Malta. Tispjega li wara li saret taf b'dawn il-fatti hija kellmet lil Pauline Catania u qaltilha li jekk il-kaz kien hekk kellhom iwaqqfu l-istipendju mill-ewwel kif fil-fatt gara. Tghid li fl-applikazzjoni li kellhom fil-file ma jirrizulta minn imkien li r-rikorrent kien indika li huwa kien se jaghmel *resit* tal-BSc (Hons) u li kieku kien hemm dan indikat kien ikun inelgibbli ghall-Iskema. Tispjega li f'kaz li student ikollu *resit* fl-ewwel kors u japplika ghall-Iskema, l-applikazzjoni tieghu tigi sospiza u f'kaz li jghaddi ma jkunx eligibbli li jkompli ghaddej bil-process.

**Dr. Ramona Frendo**, *Chairperson* tal-*Scholarships Appeals Board*, xehdet illi l-Bord tal-Appell ma kienx kompetenti jiehu konjizzjoni tal-appell tar-rikorrent peress li l-istess Bord ma kellu kompetenza jisma' appelli mill-Bord tal-*Students Maintenance Grants.* Tispjega li jista' jkun li ghamlet xi minuta fil-*file* relattiv u ffirmata. Wara li rat il-*file* relattiv tad-Dipartiment, pero`, x-xhud stqarret li ma tirrizulta l-ebda minuta taghha. Pero`, minn e-mail ta' Dr. Romina Cuschieri datat 16 ta' Ottubru 2015 jirrizulta illi wara li l-appell gie quddiem il-Bord ix-xhud kienet ghaddiet minuta lill-Ministeru.

**Godfrey Testa**, membru tal-**Students Maintenance Grants Board**, spjega illi l-Bord kien irriveda l-kaz tar-rikorrent sakemm wasal ghad-decizjoni li ma kienx eligibbli ghall-*grant* peress li kellu diga' *degree.*

**Julienne Marie Brincat**, ufficjal fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, xehdet illi l-unika applikazzjoni li hemm fil-*file* relattiv hija dik li kopja taghha giet esebita bhala Dokument JB1 u li tinsab a fol. 245 sa 248 tal-process u li fuqha hemm imnizzel bil-biro il-*customer care reference number*.

**Ir-rikorrent Corey Farrugia** xehed illi meta gie biex japplika ghall-Iskema in kwistjoni huwa kien gewwa l-Ungerija isegwi l-kors ta' veterinarju, u allura huwa kien baghat diversi e-mails bl-istess applikazzjoni lil missieru ghaliex missieru ma setghax jiftahhom sakemm fl-ahhar baghtilu f'format li seta'

jiftahaha. Jghid li l-applikazzjoni in kwistjoni giet mimlija bi graphics tablet u li f'pagna 3 tal-applikazzjoni huwa kiteb is-segwenti kliem: "***I will graduate in B.Sc in chemistry and biology hons. Degree awarded by the university of Malta. This is a level 6 degree. I am enrolled as an undergraduate/transfer student in DVM degree course in Budapest which is a level 7 degree.***"[6] Huwa ghalhekk jishaq li huwa kien informa lid-Direttorat dwar is-sitwazzjoni tieghu u li iktar minn hekk dan rega' kkonferma f'email li baghat lil Pauline Catania fl-4 ta' Jannar 2013 wara li l-applikazzjoni tieghu kienet giet michuda. Is-Sinjura Catania min-naha taghha wegbitu fit-18 ta' Jannar 2013 li l-applikazzjoni tieghu kienet giet accettata u ghalhekk beda jircievi l-istipendju. Jghid li sussegwentement fis-6 ta' Lulju 2015 ircieva komunikazzjoni minghand Dr. Romina Cuschieri biex jirrifondi s-somma ta' erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€4176.31). Huwa appella tali decizjoni, liema appell pero` gie michud

**Louis Farrugia**, missier ir-rikorrent Corey Farrugia, spjega illi ibnu bghatlu e-mail bl-applikazzjoni fejn huwa ghamel *copy and paste* u pprintjaha u mar bl-applikazzjoni l-Ministeru fejn iffirma anke hu fuq l-applikazzjoni. Jghid li l-kliem citat fil-paragrafu precedenti kien inkluz fl-applikazzjoni li bghatlu ibnu. Jghid li meta mar fil-Ministeru bl-applikazzjoni huwa kien iffirma fuq l-istess applikazzjoni.

**Pauline Catania** spjegat illi l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet giet ricevuta b'email fid-Dipartiment izda wara xorta kellha tittiehed *hard copy* fid-Dipartiment. Hija tispjega li l-email tal-4 ta' Jannar 2013 qatt ma ratha pero` l-email tat-18 ta' Jannar 2013 kienet bghatitha hi.

**Ikkunsidra:**

Illi preliminarjament l-intimati issollevew zewg eccezzjonijiet li se jigu kunsidrati qabel it-Tribunal jidhol fil-mertu. L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens illi la l-Bord ta' Tmexxija dwar l-Ghotjiet ta' Manteniment u lanqas il-membri individwali m'huma l-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri. Illi t-Tribunal iqis li din l-eccezzjoni hija misthoqqi peress li l-Bord, fid-decizjonijiet tieghu, ikun qed jagixxi ai termini tas-setgha moghtija lilu b'Regolament 17 tal-Avviz Legali 372 tal-2005 liema Avviz gie revokat bl-Avviz Legali 308 tal-2016 li pero` ma biddel xejn mill-komposizzjoni u l-funzjonijiet tal-istess Bord. Illi ghalhekk il-membri tal-istess Bord ma jistghux jigu citati f'kawza fil-kapacita` taghhom fi hdan il-Bord u ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jillibera lic-Chairperson intimata mill-osservanza tal-gudizzju. Dan iwassal ghat-tieni

[6] Affidavit ta' Corey Farrugia a fol. 58

eccezzjoni fejn gie eccepit illi skond artikolu 181B (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Illi f'dan il-kaz l-intimati jghidu li huwa d-Direttur Generali li ghandu bhala parti mill-mansjonijiet tieghu il-gestjoni tad-Direttorat in kwistjoni. Illi in vista ta' din l-eccezzjoni, it-Tribunal ordna li l-kliem "Directorate for Lifelong Learning" jigi jaqra "Id-Direttur Generali ghad-Direttorat tal-Lifelong Learning" biex b'hekk it-tieni eccezzjoni giet sorvolata.

Illi d-divergenzi principali mertu ta' dan l-appell huma tnejn u cioe`:-

1. Jekk l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent Corey Farrugia kinitx tinkludi annotazzjoni maghmula minnu permezz ta' liema issottometta illi huwa kien se jiggradwa *BSc Chemistry and Biology (Hons)* mill-Universita` ta' Malta, u
2. L-interpretazzjoni li qed tinghata mill-partijiet lit-Tieni Sezzjoni (Regoli dwar l-Eligibilita`) tar-Regolamenti tal-2012 tal-*Malta Government Scholarships Scheme (Undergraduate Courses)* amministrata mid-Direttorat ghat-Taghlim Tul il-Hajja.

Illi t-Tribunal se jibda biex jintratta l-ewwel divergenza, u cioe`, liema verzjoni tal-applikazzjoni gietipprezentata minn missier ir-rikorrent meta ssottomettiha lid-Direttorat. Illi r-rikorrent ipproduca diversi *screenshots* tal-applikazzjoni li huwa bghat bhala *attachment* permezz ta' e-mail lil missieru biex dan johodha fil-Ministeru peress li hu kien imsiefer isegwi l-kors ta' veterinarju gewwa l-Ungerija. Missieru jistqarr illi l-verzjoni li bghatlu t-tifel kien fiha l-annotazzjoni in kwistjoni. Pero` jghid illi huwa ghamel *copy and paste* biex seta' jipprintjaha. Illi min-naha l-ohra l-intimati qeghdin isostnu illi fl-applikazzjoni sottomessa ma kienx hemm tali annotazzjoni u ghalhekk huma ma setghu qatt ikunu jafu li r-rikorrent kien diga segwa kors universitarju hawn Malta. Illi l-intimati pprezentaw vera kopja tal-applikazzjoni sottomessa fejn jidher illi l-parti fejn l-applikant kellu jindika f'liema c-cirkostanzi kien qed japplika ghall-kors li abbazi tieghu kien jista' jibbenefika mill-Iskema thalliet vojta. Illi fuq l-istess applikazzjoni jirrizulta li hemm il-firma ta' Louis Farrugia, missier ir-rikorrent, liema firma bl-ebda mod ma giet kontestata.

Illi dan it-Tribunal iqis li l-applikazzjoni sottomessa minn missier ir-rikorrent hija fil-fatt dik li giet esebita vera kopja taghha mill-intimati a fol. 245 sa 248 tal-process. Illi ghalkemm it-Tribunal ma jistghax jeskludi illi r-rikorrent fil-fatt ghamel tali annotazzjoni, jirrizulta illi jista' jkun illi meta missieru ghamel *copy and paste* din l-annotazzjoni, ghal xi raguni, ma gietx riprodotta u ghalhekk il-verzjoni li waslet ghand il-Ministeru kienet proprju dik esebita kif inghad iktar 'il fuq.

Illi sussegwenti ghas-sottomissjoni tal-applikazzjoni jirrizulta illi fl-4 ta' Jannar 2013 ir-rikorrent informa lil Pauline Catania bis-segwenti:

***"I hope this email finds you in good health. I am a student studying in Hungary at the Szent Istvan University, Faculty of Veterinary Medicine. I graduated in BSc. Chemistry and Biology Hons. at the University of Malta. Some months ago I tried to apply for an MGSS grant so as to aid me in my studies abroad. I had read the regulations well and I understood that although I already had a stipend for my previous degree, I am still eligible for a stipend since in the new regulations saying otherwise and since the degree I am currently reading for is of a higher level then the one I have previously done while still not exceeding the specified maximum level. Although I have met the specified criteria my application was still rejected on the basis that I got a stipend in my previous course. I spoke to some people and I was told to bring my case up again to maybe reconsider my application since financial aid will certainly improve my quality of life there and would alleviate some financial pressures that my family are currently facing. Thanks in advance and I wish you all the best in the year to come."***

Illi ghalkemm Pauline Catania xehdet li qatt ma rat l-imsemmija e-mail, it-Tribunal jinnota li din l-istess e-mail intbaghatet fl-indirizz tajjeb u di piu` l-istess Pauline Catania, fit-18 ta' Jannar 2013 Pauline Catania wiegbet lir-rikorrenti is-segwenti:

***"I am pleased to inform you that you have been awarded a Malta Government Scholarship – Undergraduate, till academic year 2015/2016.***
***I would like to take this opportunity to wish you luck in your studies.***
***Please note that if found that your course is not on a full time basis or that you have refrained from attending the course without informing us or you are working more than 19 hours per week, you are liable for legal proceedings.***
***Congratulations and Well Done!"***

Illi ghalhekk jirrizulta illi anke jekk l-applikazzjoni sottomessa lid-Direttorat kellha l-annotazzjoni in kwistjoni nieqsa, fl-email tal-4 ta' Jannar 2013 ir-rikorrent kien ferm car illi huwa diga kellu *degree* mill-Universita` ta' Malta. B'din l-informazzjoni sussegwenement giet mgharraf illi huwa kien gie moghti l-i*scholarship* sas-sena 2015/2016.

Illi dan ifisser illi d-Direttorat ma gie bl-ebda mod zgwidat mir-rikorrent. Semmai x'imkien kien hemm nuqqas min-naha tad-Direttorat li jew ma qarax sew l-email li baghat ir-rikorrent jew f'dak il-mument hass li bl-informazzjoni

moghtija huwa kien xorta jikkwalifika ghal tali skema. Illi ghalhekk certament f'dan kollu ir-rikorrent zgur li ma ghandu l-ebda htija.

Illi t-Tribunal sejjer issa jitratta t-tieni divergenza u cioe` l-interpretazzjoni tar-Regoli ta' Eligibilita` taht il-Malta Government Scholarship Scheme tal-2012[7] bil-parti l-iktar relevanti tkun Regola 2 (f) li se tigi riprodotta hawn taht:

***"(f) An applicant who has already started the undergraduate course may apply under this scheme, provided that applicant is:***

***(i) Not in receipt of any other scholarship. Certain scholarship schemes completely or partially financed by the Government of Malta may allow the applicant to be eligible for MGSS-UG. In such ase, applicant must consult the Regulations governing the other scholarship scheme. The decision of the Directorate for Lifelong Learning is final on eligibility in such a case;***

***(ii) Not in possession of a degree at the same MQF level or higher of that degree for which applicant is applying for.***

Illi gie stabbilit, u ma jirrizultax illi hemm kontroversja, illi l-kors li ghamel ir-rikorrent hawn Malta ghandu *MQF level 6* filwaqt li dak li qed isegwi gewwa l-Ungerija iwassal ghal *MQF level 7*, bl-ewwel erba' (4) snin jigu kkunsidrati bhala *MQF level 6*. Fil-fatt gie spjegat minn Dr. Romina Cuschieri illi ghalkemm il-kors ta' veterinarju huwa kkunsidrat bhala *MQF level 7*, il-Ministeru kien ha decizjoni li l-istudenti xorta jinghataw stipendju sa massimu ta' erba' snin li huma ekwivalenti ghal *MQF level 6*. Dan naturalment jekk huma ma jkunux diga ggradwaw f'xi kors iehor u allura jkunu diga rcevew stipendju ghall-istess kors.

Illi l-intimati jissottomettu illi r-rikorrent ma kienx eligibbli ghal din l-Iskema stante li din l-Iskema kienet immirata ghal studenti li ma jkunux diga ottjenew il-livell ta' bacellerat ta' livell sitta. Iktar min hekk kemm ir-rikorrent u kemm l-intimati jaghmlu referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 327.178 (Regolamenti Dwar Ghotjiet ta' Manteniment Ghal Studenti) u specifikatament ghal Regolament 12 (illum Regolament 13 tal-Avviz Legali 308 tal-2016) li jitkellem dwar ghoti ta' stipendju ghal studenti li jsegwu t-tieni kors jew kors sussegwenti. Illi t-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti illi tali Regolament ma jolqotx kaz bhal dak tar-rikorrenti li jkun qed isegwi kors barra minn Malta imma ghal studenti li jkunu qed isegwu t-tieni kors taghhom gewwa istitutzzjoni Maltija. Dan ghaliex jekk wiehed jara t-tifsira ta' *"ghotjiet ta' manteniment"* din tfisser *"il-benefiċċji finanzjarji mogħtija lil studenti full-time post-sekondarji, vokazzjonali u terzjarji li jinkludu wkoll studenti li qed isegwu*

[7] Esebiti bhala Dok 1 minn fol. 63 sa fol.72

*kors ta' apprentistat, kif indikat fl-iSkeda".* Illi jekk wiehed ihares lejn l-imsemmija Skeda isib li ssir referenza biss ghal istituzzjonijiet Maltin u mhux barranin u ghalhekk l-istess Regoli certament mhumiex *per se* applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi t-Tribunal, wara li evalwa l-provi kollha mressqa quddiemu u qies it-termini u kundizzjonijiet tal-Iskema in kwistjoni, huwa tal-opinjoni illi r-rikorrent ma kienx jikkwalifika ghal tali skema u dana peress li ai termini tal-klawsola 2 (f) huwa diga kellu *degree* tal-istess livell ghal dik tal-kors li kien qieghed jaghmel u dana peress li l-ewwel erba' snin tal-kors jitqiesu bhala livell sitta. Madankollu it-Tribunal isib li kien hemm nuqqas da parti tad-Direttorat koncernat meta infurmawh li huwa kien eligibbli, u sussegwentement beda jinghata hlasijiet regolari taht l-istess skema. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal ikun ferm ingust li r-rikorrent ghandu jbati minn zball tal-istess Direttorat. Illi ma jkunx gust illi r-rikorrent uza l-ghotijiet moghtija lilu u issa f'daqqa wahda jsib ruhu jrid jirrifondi ammont ta' erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€4176.31) meta tali zball gie indott mill-istess Direttorat. Illi li kieku kien ir-rikorrent li induca lid-Direttorat fl-izball allura l-affarijiet kienu jkunu mod iehor. Pero`, jirrizulta car mill-email tal-4 ta' Jannar 2013 illi r-rikorrent kien informa lid-Direttorat illi huwa kien ikkompleta l-ewwel kors tieghu. Ghaldaqstant filwaqt li t-Tribunal jaqbel mad-decizjoni tad-Direttorat li jwaqqaf l-ghotja taht l-Iskema msemmija, ma jaqbilx mal-istess decizjoni illi r-rikorrent ghandu jirrifondi lura l-hlasijiet ricevuti.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal se jvarja d-decizjoni tal-Bord tad-9 ta' Dicembru 2015 fis-sens illi jikkonfermaha in kwantu iddikjarat lir-rikorrent ineligibbli ghall-Iskema filwaqt illi jirrevokaha in kwantu r-rikorrent intalab jirrifondilura l-pagamenti (*grants)* li kien ircieva taht l-istess Skema fl-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€4176.31).

Illi b'referenza ghat-tielet talba fir-rikors promutur, u cioe` sabiex dan it-Tribunal jordna lill-Bord jghaddi l-arretrati dovuti lir-rikorrenti u jibqa' jhallas lir-rikorrent skond l-istess Skema, t-Tribunal jirrileva illi anke kieku ma giex deciz illi r-rikorrent huwa ineligibbli biex jibbenefika minn din l-Iskema, l-istess Tribunal m'ghandux poter jaghmel dak mitlub minnu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lic-Chairperson Students Maintenance Grants Board fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu jigi dikjarat illi huwa m'ghandux jirrifondi lura lid-Direttorat ghat-Taghlim Tul il-Hajja is-somma ta' erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€4176.31) filwaqt li jikkonferma d-

decizjoni appellata in kwantu iddikjarat li r-rikorrent Corey Farrugia kien ineligibbli biex jibbenefika mill-Iskema filwaqt li tichad it-talba tar-rikorrent biex dan it-Tribunal jordna lill-Bord jghaddi l-arretrati dovuti u jibqa' jhallas lir-rikorrent skond l-istess Skema.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**